MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**VINCENT GALEA**

Seduta ta' l-1 ta' Ottubru, 2013

Talba Numru. 356/2013

**Miller Distributors Limited [C-344]**

**Vs**

**Carmel John Barbara [ID. Nru. 491569] f'ismu proprju kif ukoll bhala ezercenti l-kummerc taht l-isem Tal-Mans Greengrocer**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tas-socjeta rikorrenti mressqa fl-14 ta' Gunju, 2013** u li permezz taghha talbet lill-intimat jhallasha s-somma ta'elfejn sitt mija erbgha u hamsin euro u sitta u sebghin ċenteżmi ta' euro [€2,654.76c] u dan wara li ppremettiet hekk:

"Is-socjeta attriċi Miller Distributors Limited (C 344) titlob il-hlas ta' elfejn, sitt mija u erbgha u hamsin Ewro u sitta u sebghin ċenteżmu (€2,654.76) rappreżentanti prezz ta'

merkanzija debitament mibjugha u ikkonsenjata mis-socjeta attriċi lill-konvenut fuq inkarigu tieghu stess.

Bl-ispejjez, inkluż dawk tal-ittra uffiċjali numru 174/2013 u bl-imghax legali mid-data tal-fatturi sad-data tal-effettiv pagament".

Ra **r-risposta tal-intimat pro et noe** minnu mressqa fl-10 ta' Lulju, 2013 u li permezz taghha huwa rrisponda hekk ghat-talba tas-socjeta rikorrenti:

"Illi l-konvenut gie f'sitwazzjoni finanzjarja prekarja fil-gestjoni tal-hanut tieghu tant illi kellu jżarma min-negozju;

Illi huwa talab lill-attur sabiex jiehu lura l-merkanzija bhala parti mill-hlas però l-attur irrifjuta.

Illi huwa talab illi jaghmel pagamenti fil-gimgha sabiex jissalda d-debitu, però l-attur irrifjuta;

Illi l-konvenut m'ghandux ibati spejjez jew imghaxijiet u dana stante illi dejjem ipprova jsib soluzzjoni bonarja, però dejjem kien hemm rifjut da parti ta' l-attur.

Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez".

Ra l-verbal datat 10 ta' Lulju, 2013 fejn il-kawza thalliet ghal llum, 1 ta' Ottubru, 2013 fis-1:15p.m. ghall-provi kollha tal-partijiet;

Ra l-verbal tal-lum stess fejn xehed Joseph Abela, rappreżentant tas-socjeta rikorrenti. Id-difensur tas-socjeta rikorrenti Dr. Kris Scicluna ddikjara li s-socjeta rikorrenti ma kellhiex aktar provi xi tressaq. Ra li l-intimat u d-difensur tieghu minkejja li gew imsejha diversi drabi baqghu ma dehrux. Ra t-talba maghmula mid-difensur tas-socjeta rikorrenti sabiex jiġi dikjarat maghluq l-istadju tal-gbir tal-provi stante li s-seduta tal-lum kienet ghal provi

kollha tal-partijiet. Ra l-ordni tat-Tribunal li biha laqa' t-talba u ddikjara l-provi kollha maghluqa;

Semgha' x-xhieda ta' Joseph Abela, *Credit Controller* mas-socjeta rikorrenti;

Ra l-atti;

Ikkunsidra:-

1. Permezz ta' din it-Talba, s-socjeta rikorrenti qeghda titlob il-hlas, minghand l-intimat tas-somma komplessiva ta' €2,654.76c rapprezentanti din is-somma merkanzija konsenjata u mibjugha lill-intimat. L-intimat iddefenda lilu nnifsu ghat-talba tas-socjeta rikorrenti billi qal li huwa gie f'sitwazzjoni finanzjarja prekarja fil-gestjoni tal-hanut tieghu tant illi kellu jżarma min-negozju u li minkejja li huwa talab lis-socjeta rikorrenti sabiex tiehu lura l-merkanzija bhala parti mill-hlas hija rrifjutat. Oltre dan, l-istess intimat stqarr li huwa talab illi jaghmel pagamenti fil-gimgha sabiex jissalda d-debitu, però s-socjeta rikorrenti rrifjutat. Qal li huwa ma ghandux ibati spejjez jew imghaxijiet u dana stante illi dejjem ipprova jsib soluzzjoni bonarja, però dejjem kien hemm rifjut da parti tas-socjeta rikorrenti.

Ikkunsidra;

2. Ix-xhud Joseph Abela, xehed li l-intimat kellhu jaghti lis-socjeta' minnu rapprezentata s-somma ta' elfejn sitt mija erbgha u hamsin ewro u sitta u sebghin centezmi tal-ewro (€2,654.76c). L-istess xhud esebixxa diversi dokumentazzjoni u li ġiet immarkata bhala dok. JA 1 sa dok. JA 4. Mistoqsi mit-Tribunal jekk il-prodotti mixtrija minn ghand is-socjeta rikorrenti kienux *on consignment* huwa wieġeb fin-negattiv u żied ighid li s-socjeta rikorrenti qatt ma taccetta *stock* lura.

Ix-xhud qal ukoll li l-intimat kien ikkommunika mieghu u nfurmah li kien lest li jhallas hamsin ewro (€50) fix-xahar pero' s-socjeta rikorrenti ma aċċettatx din il-proposta u fil-

fatt irrifjutat. L-istess soċjetà rikorrenti kienet ipproponiet li l-intimat iħallas l-ammont ta' €280 fix-xahar pero' l-intimat ma accettax.

Ikkunsidra ulterjorment;

3. Jirrizulta mir-risposta mressqa mill-intimat li huwa sab ruħhu f'sitwazzjoni finanzjarja prekarja tant li għalaq in-engozju li kien qiegħed jiġġestixxi. L-intimat prova jagħti lura parti mill-merkanzija li kellhu lis-socjeta rikorrenti u dan bħala parti mill-ħlas però s-socjeta rikorrenti irrifjutat li tagħmel dan kif kellha kull dritt li tagħmel. Dan qiegħed jingħad anke in vista tal-fatt li l-merkanzija mibjugħa ma kienitx *on consignment* u allura ma kien hemm l-ebda obbligu da parti tagħha li hija taċċetta li tieħu xogħol lura mingħand l-intimat. Dwar l-offerta li l-intimat għamel li huwa jħallas lis-socjeta rikorrenti tant flus fil-gimgħa biex jissalda d-debitu tiegħu, li skond ma xehed Joseph Abela dan l-ammont kien ta' ħamsin ewro (€50) fix-xahar, is-socjeta rikorrenti ma aċċettatx. Dan ukoll kien fid-dritt tagħha li tagħmlu. Il-pagament meta jkun dovut jkun dovut fl-intier tiegħu u mhux biċċa biċċa. Dan ovvjament sakemm ma jkunx hemm qbil bejn il-kreditur u d-debitur. Is-socjeta rikorrenti da parti tagħha offriet opportunita lill-intimat li huwa jħallasha s-somma ta' €280 fix-xahar iżda l-intimat, skond ma xehed l-imsemmi Joseph Abela irrifjuta din il-proposta.

4. Illi dwar il-kwistjoni ta' l-ispejjez u l-imgħaxijiet, l-intimat igħid li huwa ma għandux ibagħtihom u dan stante li huwa dejjem prova jsib soluzzjoni bonarja, però dejjem kien hemm rifjut da parti tas-socjeta rikorrenti. Diga rajna li s-socjeta rikorrenti kellha kull dritt li tirrifjuta l-proposti ta' l-intimat u l-intimat baqa ma xehedx u ma ressaq l-ebda prova f'dawn il-proceduri minkejja li kellhu kull opportunita li jagħmel dan fis-seduta tal-lum in sostenn tal-posizzjoni tiegħu.

5. Illi għalhekk, in vista tal-provi ppreżentati quddiemu, it-Tribunal ma għandu l-ebda triq oħra ħlief li jiddikjara li l-ammonti mitluba mis-socjeta rikorrenti huma dovuti.

Ghalhekk, it-Tribunal, jaqta u jiddeċiedi dan il-kaz billi filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet kollha mqanqla mill-intimat proprio et nomine fir-risposta tieghu in kwantu dawn huma inkompatibbli ma dak hawn fuq deċiż, qieghed jilqa t-talba tas-socjeta rikorrenti u jikkundanna lill-intimat proprio et nomine jhallasha s-somma ta' elfejn sitt mija erbgha u hamsin euro u sitta u sebghin ċenteżmi ta' euro [€2,654.76c] bl-imghaxijiet legali mid-data ta' meta dawn l-ammonti kienu dovuti.

L-ispejjez huma kollha a kariku ta' l-intimat proprio et nomine.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------